**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-16 ta' Novembru 2023**

**Rikors numru: BCT/24/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Kevin Said**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-Avukat Clint Tabone għall-appellant Kevin Said rigward żvilupp bil-permess PA/8617/20, li jinsab fi f'Santa Marija, Triq San Anton Abbati, Mosta fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi permezz ta' ordni datata 6 ta' Ġunju 2023 u notifikata lil appellant nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju 2023 liema ordni qed tiġi annessa ma dan l-appell mmarkata bħala Dok 'A' l-istess appellanti ġie ordnat iħallas il-penali ta' ħames mitt ewro (€500) u dan talli huwa kien qed jagħmel xogħlijiet fil-Ħdud jew Festi Pubbliċi u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08.*

2. *Illi l-appellant ħass ruħu aggravat b'din l-ordni u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell. Illi l-aggravji tiegħu huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*a. Ili l-ewwel aggravju huwa ibbażżat fuq il-fatt illi tali ordni ma tista qatt tissussisti u dan għar raġuni illi kif jidher mil-ordni stess tali ordni hija datat 6 ta' Gunju 2023 ma dan kollhu l-appellant qed jiġi akkużżat illi huwa kiser id-dispozizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussuidjarja 623.08 nhar it-18 ta' Ġunju 2023. Dan ifisser illi l-Ordni effettivament ħarget qabel ma allegatament nkissru tali dispozzizjonijiet u għalhekk dan inevitabilment għandu jwassal sabiex tali Ordni ma tista qatt tissussisti u hija nulla.*

*b. Illi mingħajr pregudizzju għas suespost irid jingħad illi l-appellant ma kien qed jagħmel l-ebda xogħol gewwa sit in kwistjoni. Illi l-fatt illi l-appellant kien qed jimla xi ilma u kien preżenti fuq is-sit ma jfissirx illi huwa kien effettivament qed jagħmel xi xogħlijiet. Il- Ligi ma tipprekludikx milli inti taccessa is-sit fi Hdud jew Festi Pubblici iżda tipprekludik milli twettaq xogħlijiet f'tali granet. Illi l- appellant ma kien qed jagħmel l-ebda xogħlijiet ta' madum kif gie allegat tant hu hekk illi l-madum kien qaghdu lanqas effettivament wasal izda kien ser jasal jumejn wara u kien ser jinħatt jumejn wara u cioe fl-20 ta' Gunju 2023 u dan kif jidher mil-permess tal-Kunsill Lokali hawn anness u mmarkat bħala 'Dok B'.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-appellanti filwaqt li jagħmel referenza għad dokumenti annessi ma dan l-appell jitlob umilment lil dan it-Tribunal jogħgbu għar ragunijiet premessi jħassar u jirrevoka tali ordni bir referenza BCA/P08/0109/2023 stante illi ma jezistux l-elementi kemm legali kif ukoll fattwali sabiex tali ordni tissussisti*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva li għalkemm d-data fuq l-ittra ġġib dik ta' 6 ta' Ġunju 2023, jidher bl aktar mod ċar li l-ksur sar fit-18 ta' Ġunju 2023, hekk kif addebitat lilu;*

3. *Illi allura d-data tas-6 ta' Ġunju 2023 taqa' taħt il-kappa tal insenjament "lapsus calami" liema ma għandux jkollu l-ebda effett fuq il-validità o meno tal-penali maħruġa mil-Awtorità;*

4. *Illi fejn si tratta l-mertu tal-appell, l-Awtorità ma taqbel bl-ebda mod mal-verżjoni mogħtija mil-appellant;*

5. *Illi qegħdin jiġi annessi sett ta' ritratti meħuda mil-uffiċjali tal Awtorità mmarkati bħala Dok A sa Dok G, liema ser jkunu kkonfermati bil-ġurament waqt il-kawża odjerna;*

6. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex ma jiehux konjizzjoni ulterjuri tal-appell;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa t-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Settembru 2023, fejn l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, tal-Avviż Legali 340 tal-2022, u l-Kapitolu 623 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar ir-Regolamenti tal-Bini);

***Ikkunsidra:***

Permezz ta' dan l-appell, l-appellant qiegħed jappella minn deċiżjoni tal-Awtorità maħruġa nhar is-6 ta' Ġunju 2023, (*Ref. BCA: BCA/P08/0109/2023*), li permezz tagħha l-Awtorità qiegħda timponi penali amministrattiva peress li ġie allegat li saru '*Xoghilijieit fil-Ħdud u/ jew festi Pubbliċi*' fl-ammont totali ta' Ħames Mitt Ewro (€500).

It-Tribunal ikkunsidra wieħed mill-aggravji imqajjem mill-appellant rigward id-data indikata bħala d-data tal-ordni maħruġa mill-Awtorità li kienet iġġib id-data tas-6 ta' Ġunju, 2023 u tagħmel referenza għall-akkadut li seħħ nhar id-19 ta' Ġunju, 2023. It-Tribunal jifhem li din hija żvista da parti tal-Awtorità liema żvista tista' tqajjem dubju dwar il-penali amministrattiva. Minkejja dan, mill-provi ħareġ ċar li l-akkadut seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2023 kif wara kollox tagħmel referenza għall-istess l-ordni in kwistjoni u ma jeżisti ebda dubju jew kunflitt ta' provi dwar dan. Dan it-Tribunal li huwa ta' natura amministrattiva u mhux dak kriminali m'għandux l-istess mansjonijiet bħal tribunal ta' natura penali. Lanqas ma huwa marbut bl-istess liġi, regolamenti jew oneru ta' prova bħal tribunali li jittrattaw multi li għandhom natura kriminali. In vista ta' dan, it-Tribunal jiċħad dan l-aggravju.

Fil-mertu ta' l-appell, it-Tribunal jinnota li waqt ix-xhieda ta' l-appellant nhar l-24 t'Awwissu 2023, l-appellant jindika taħt ġurament li x-xogħolijiet kienu qeghdin isiru biex jitneħħa xi periklu li setgħa kien hemm rigward tarġa perikoluża, filwaqt li skond is-sottomissjonijiet orali tax-xhieda ta' l-Awtorità, ix-xogħol in kwistjoni huwa xogħol ta' twaħħil ta' madum.

It-Tribunal ikkunsidra li huwa x'inhuwa x-xogħol hekk kif ġie deskritt mill-partijiet, dawn xorta waħda jaqaw taħt t-tifsira ta' xogħlijiet kif mfissra f'Taqsima 1 tal-Avviż Legali 340 tal-2022, tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, li tgħid:

> *"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura"*

It-Tribunal ħa nota wkoll li skond t-Tielet Skeda ta' l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, f'każ ta' emerġenzi, x-xogħlijiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe ħinijiet oħra, għalkemm għandu jkun obbligatorju li l-Awtorità tkun informata fi żmien siegħa mill-ftuħ ta' l-uffiċini tagħha, li tali notifika qatt ma' saret mill-appellant.

Wara li t-Tribunal ħa nota ta' dan kollu, t-Tribunal jista' jikkonkludi li x-xogħlijiet li kienu qegħdin jsiru nhar it-18 ta' Ġunju 2023, huwa kkunsidrat bħala xogħlijiet li huma projbiti milli jsiru.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-Appell u jikkonferma l-penali amministrattiva imposta mill-Awtorità.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant Kevin Said u jikkonferma l-penali amminsitrattiva imposta tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, datata s-6 ta' Ġunju 2023, li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva ta' Ħames Mitt Ewro (€500.00).

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |